Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/1982

16.7.2024

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2024/1982

## tal-15 ta' Lulju 2024

## li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2023/1137 dwar miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi biex tappoġġa l-Forzi Armati Niġerini

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28(1) u l-Artikolu 41(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-8 ta' Ġunju 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/1137 ([1]) li stabbiliet miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi biex tappoġġa l-Forzi Armati Niġerini.

(2) Fis-26 ta' Lulju 2023, skont l-Artikolu 64(1), il-punt (b), tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/509 ([2]), ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ssospenda b'mod proviżorju l-miżura ta' assistenza b'appoġġ għall-Forzi Armati Niġerini peress li, wara l-kolp ta' stat fin-Niġer, is-sitwazzjoni ma baqgħetx tippermetti li l-miżura ta' assistenza tiġi implimentata filwaqt li jiġu żgurati garanziji suffiċjenti.

(3) Fit-23 ta' April 2024, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà, skont l-Artikolu 64(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509, irrakkomanda lill-Kunsill it-terminazzjoni tal-miżura ta' assistenza stabbilita bid-Deċiżjoni (PESK) 2023/1137.

(4) Jenħtieġ li l-miżura ta' assistenza b'appoġġ għall-Forzi Armati Niġerini tintemm u għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2023/1137 titħassar,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Il-miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi biex tappoġġa l-Forzi Armati Niġerini, stabbilita bid-Deċiżjoni (PESK) 2023/1137, hija b'dan mitmuma.

2. Id-Deċiżjoni (PESK) 2023/1137 titħassar.

3. Id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni (PESK) 2023/1137 għandhom ikomplu japplikaw għall-implimentazzjoni tan-nefqa impenjata sad-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni u għall-kontabbiltà u l-inventarju relatati, l-awditjar u l-preżentazzjoni tal-kontijiet, u r-responsabbiltà, sakemm tkun ingħatat kwittanza lill-amministratur għall-miżuri ta' assistenza għal tali nefqa.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Lulju 2024.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

NAGY I.

---

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/1137 tat-8 ta' Ġunju 2023 dwar miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi biex tappoġġa l-Forzi Armati Niġerini (ĠU L 149, 9.6.2023, p. 85).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/509 tat-22 ta' Marzu 2021 li tistabbilixxi Faċilità Ewropea għall-Paċi, u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2015/528 (ĠU L 102, 24.3.2021, p. 14).